Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 1 ta’ Gunju 2016 fil-5.00pm**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**G. Leone Ganado – Membru**

**Therese Valentino – Membru**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru.18 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Ic-Chairperson infurmat li saret laqgha informali bejn il-membri fejn f'din l-istess laqgha gew iddentifikati 10 siti fejn jistghu jigu installati CCTV Cameras. Wara diskuzzjoni, il-Kumitat idecieda li jindaga kemm din il-mizura tista' tigi mplimentata finanzjarjament.

2. Ic-Chairperson staqsiet jekk waslitx xi risposta minn naha ta' TM dwar il-one way ta' Triq il-Veduta. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li sa issa sfortunatament ma rcieva l-ebda kommunikazzjoni.

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Hija infurmat li kellha kommunikazzjoni mal-Kappillan il-gdid sabiex ssir laqgha mal-membri ta' dan il-Kumitat fejn dan informa li ghal nofs Lulju jkun jista' jiltaqa ma' dan il-Kumitat. Il-Kappilan informa ukoll li mhux se jkun approvat li ssir quddiesa kull nhar ta' Hadd fil-kappella tal-Madliena u fil-festa ta' St. Madalena nhar it-22 ta' Lulju.

2. Ic-Chairperson staqsiet jekk kienx hemm xi zvilluppi godda rigward il-hsarat ta' cint fil-vicinanza ta' Busietta Gardens. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li se ssir laqgha mal-Perit tal-Kunsill, ghada 02.06.16 fil-11.30am rigward din il-materja. Hu pprezenta ukoll 4 kwotazzjonijiet ghat-tiswija ta' dan il-hajt.

3. Hija staqsiet sabiex jekk hu possibli jerga' jitnaddaf il-passag fil-bidu ta' triq fejn ir-razzett tal-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jkellem lill-kuntarttur ikkoncernat.

4. Il-Kumitat gie nfurmat li f'laqgha ma' TM li ghaliha attendiet ricentament, hija ssostniet dwar il-problema ta' sewqan eccessiv mix-xufiera tat-transport pubbliku minn Triq il-Madliena. L-ufficjali ta' TM li kien hemm prezenti infurmaw li se jwissu lis-sewwieqa kollha. Hija nfurmat ukoll li skond l-ahhar rapport, ir-residenti qed juzaw ta' spiss it-transport pubbliku. Ic-Chairperson infurmat ukoll li gie installat bus-stop fi Triq ix-Xiber u se jsir iehor hdejn Torre Paulina. Matul din il-laqgha, hi giet infurmata wkoll li certu rottot se jsiru aktar frekwenti matul ix-xhur tas-sajf. Hija ssugeriet sabiex dawn il-hinijiet jkunu ppublikati fl-edizzjoni li jmiss tal-magazine tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

5. B’ referenza ghall-festa f’gieh St. Maddalena li giet organizzata s-sena l-ohra, hija pproponiet li din is-sena ghandha terga’ ssir peress li diversi residenti jippartecipaw b’ mod shih f’ din il-festa. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti li din il-festa tigi organizata nhar it-22 ta’Lulju 2017.

6. Il-Kumitat gie nfurmat li l-wire li kien mdendel fil-baxx hafna fi Triq Zejni ma Triq tal-Mielah wara gimgha li gie rrapurtat, issa gie intrangat sew minghajr l-ebda periklu ghal kull min jkun ghaddej minn din iz-zona.

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Vici Chairperson

1. Huwa nforma li traffic calmers fi Triq il-Pedidalwett gew installati u saru ukoll s-sinjali f’ Caf Caf Lane.

2. Rigward it-traffic calmer li giet approvata minn naha ta’ TM fi Triq il-Markiz J. Scicluna, huwa ppropona li din igi installat fil-parti ta’ fuq ta’ l-istess triq peress li minn din il-bicca ma jghaddix it-transport pubbliku. Wara diskuzzjoni, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Huwa nforma li se ssir laqgha ma’ l-ufficjali tal-Melita cable dwar l-iskart li qed jintremma minnhom fuq barra tal-bini taghhom kif ukoll sabiex flimkien nippruvaw nsahhu iktar il-komunikazzjoni bejn il-Kumitat u din il-korporazzjoni. Huwa nforma ukoll li matul din il-laqgha se jipprova jistaqsi ghall-ghajnuna finanzjarja sabiex il-Kumitat jkun jista’ jinstalla CCTV Cameras.

4. Il-Vici Chairperson ippropona sabiex issiru sinjli doppji sofor fi Triq il-Madliena kantnuiera ma’ Triq il-Bir. Wara diskuzzjoni, il-Kumitat gie infurmat li dawn is-sinjali diga’ kienu saru imma kienu thassru. Huwa nforma li dawn is-sinjali ghandhom issiru minhabba il-vetturi l-kbar tat-transport pubbliku sabiex jkunu jistghu jduru minghajr xkiel u periklu.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-membru talbet sabiex issir kuntatt mal-kuntrattur responsabli mill-knis tat-toroq sabiex jnaddaf l-entratura tal-bini ta' fejn il-Melita plc kif ukoll iz-zona tal-madwar peress li qed jingabar hafna skart. Is- Segretraju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jinforma lill-kuntrattur ikkoncernat. Hija talbet ukoll sabiex din iz-zona tibqa' titnaddaf ta' sikwiet hekk kif jkun hemm bzonn.

2. Rigward il-blokka tal-konkort li qed izomm wire ta' dawl, hiaj staqsiet jekk sarux il-kuntatti neccessarji peress li din hija ta' periklu kbir u ghadha fl-istess sitwazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li huwa talab lill-Enemalta sabiex tinvestiga u biex telimina kull periklu mill-aktar fis.

3. Il-membru issugeriet sabiex fi Triq il-Bir jigi nstallat isem din l-istess triq peress fuq naha ta' din it-triq sabiex tkun iktar facli sabiex wiehed jaccessa din it-triq. Is- Segretraju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jordna dion it-tabella.

4. Hija rrapurtat li fi Triq il-Madliena, il-kuntrattur qieghed ihalli bollard tal-plastik fin-nofs ta' din it-triq meta jkollu l-ingenji fuq is-sit u dan qed jikkaguna blind-spot ghad-diversi sewwieqa li jghaddu minn din it-triq. Ghaldasqtant hija ssugeriet sabiex jekk hu possibli jsir sinjali ta' SLOW DOWN fin-naha l-ohra ta' triq sabiex is-sewwieqa jkunu avzati minn qabel.

5. Il-Kumitat gie infurmat li l-hajt tas-sejjiegh fi Triq l-Inginier ghandu xi hsarat u jista' jkun ta'periklu kemm ghar-residenti kif ukoll ghall-vetturi li jkunu qribu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li se jipprova jaghmel kuntatt mas-sidien ta' dan ic-cint.

6. Hija rringrazzjat lil dawk kollha kkoncernati specjalment lill-kuntrattur li kien inkarigat mit-tindif ta' zona ta' Victoria Lines ghax-xoghol professjonali li sar.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |

## IV RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Membru G. Leone Ganado

1. Il-membru staqsa jekk l-Accountant kienx pprepara r-rapport finanzjajru tal-Madliena dwar l-infiq. Is- Segretraju Ezekuttiv informa li se jaghmel kuntatt ma' l-Accountant dwar din il-materja.

2. Huwa nforma li ta' spiss qed jigi inuttat li l-kuntrattur li bhalissa qed jahdem fi Triq il-Majjistral qieghed jtajjar ammont sostanzjali ta' trab meta jkun qed jahdem. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hekk kif jkun qed ittir dan it-trab, importanti li jigu nfurmati mal-ewwel l-ufficjali tal-MEPA fuq in-numru ta' l-emergenza li hemm ndikat fuq is-sit taghhom. Il-Membru nforma li sfortunatament din is-sitwazzjoni hija prezenti anke f'toroq ohra fiz-zona tal-Madliena peress li l-kuntratturi m'humiex juzaw l-ingenji addattati sabiex inaqqsu t-trab hekk kif mitlub minnhom mill-MEPA.

3. Rigward il-funtana li hemm fil-Madliena, il-membru staqsa sabiex jekk hu possibli tintalab stima sabiex din il-funtana terga' tibda' tiffunzjona peress li taghti dehra isbah liz-zona. Is- Segretraju Ezekuttiv nforma li se jaghmel dan.

4. Huwa ssugerixxa sabiex il-kuntrattur responsabli mit-tindif, inaddaf iz-zona ta' wara l-bring-in-sites ta' Triq ix-Xiber peress li jidher li qed jinagabar hafna skart u apparti milli qed jaghti dehra kerha, jista jkun li aktar persuni rresponsabli jkomplu jarmu fl-istess post. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel dan.

## V PREPARAMENTI GHAL FESTA TA' ST.MADDALENA NHAR IT-22.07.17

Ic-Chairperson issugeriet sabiex jergghu jigu mqabbda Tikka Banda, minhabba li l-atomosfera li ghamlu s-sena l-ohra kienet wahda pjacevoli u diversi residenti kkumentaw dwar dan. Wara diskuzzjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan. Ghaldaqstant ic-Chairperson infurmat li se tikkomunika hi mal-memmbri ta' Tikka Banda.

Hija nfurmat ukoll li bhala parti mill-programm ta' din il-festa, se jkun hemm zeffiena traddizzjonali u s-Sinj. R. Fabri. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din il-laqgha spiccat fit-8.10pm u sar aggornament ghal nhar l-Erbgha 13 ta' Lulju 2016 fil-5.00pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela<br>Chairperson | Hugh Zammit<br>Segretarju Ezekuttiv |